# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis erbghatax (14) ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru 110/15 FDP**

**Agilis6 Limited**
**(C 28642)**

**vs**

**Inside Out Company Limited**
**(C 48222)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 8 ta' April 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha is-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlettax-il Euro u tnejn u erbghin centezmu (€3,613.42) rappresentanti l-prezz ghal servizzi professjonali pprovduti lis-socjeta intimata mis-socjeta rikorrenti.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fis 7 ta' Mejju 2015 fejn is-socjeta intimata sahqet illi, preliminarjament, t-talba hija preskritta abbazi tal-artikolu 2149 tal-Kap 16 filwaqt illi, fuq il-meritu, s-socjeta intimata sahqet illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fl-1 ta' Gunju 2015, il-Qorti ordnat illi jingiebu provi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata sabiex tigi kkunsidrata u deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda ta' **Paul Apap Bologna**, in ezami u kontro ezami, Direttur tas-socjeta intimata, moghtija fis 26 ta' Ottubru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Anna Satariano**, in ezami u kontro ezami, moghtija fis 26 ta' Ottubru 2015.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata fis 26 ta' Novembru 2015.

Rat illi fis 26 ta' Novembru 2015 is-socjeta intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta dwar l-ewwel eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda ta' **Steve Chetcuti**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fil 11 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Anna Satariano moghtija fis 26 ta' Mejju 2016.

Rat illi fis 26 ta' Mejju 2016 il-partijiet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresnetaw dwar l-ewwel eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni moghtija fl-4 ta' Lulju 2016, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti kienet tqabbdet mis-socjeta intimata sabiex tinstalla 'software' ghas-socjeta intimata intiz ghat-tmexxija tal-hanut taghhom, biex izomm kontroll fuq il-merkanzija illi jkollhom fil-hanut u fuq il-bejgh ta' l-istess merkanzija.

Jirrizulta illi l-ftehim ghas-servizz li kellu jinghata sar fil 5 ta' Mejju 2011 (fol 69).

Jirrizulta illi fis 7 ta' Lulju 2011, dana is-software gie debitament installat u beda jintuza mis-socjeta intimata (fol 70)

Jirrizulta illi l-invoice ghas-servizzi resi intbghat fit 8 ta' Lulju 2011 u fid 19 ta' Awissu 2011, u dana skond l-Istatement esebit mill-istess socjeta rikorrenti a fol 72 tal-process.

Jirrizulta, madanakollu, illi dana is-software ma kienx qed jahdem skond kif rikjest miss-socjeta intimata u di fatti is-socjeta initmata waqfet taghmel uzu minn tali software (fol 15)

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti qatt ma interpellat ufficjalment permezz ta' Ittra Ufficjali lis-socjeta intimata sabiex thallas u jidher illi l-ahhar komiunikazzjoni da' parte taghhom saret f'Lulju 2013 (fol 30).

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta intimata qieghda tqajjem, bhala difiza preliminari illi dwarha ser tiddeciedi llum il-Qorti, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 2149 (c), liema artikolu jghid:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

...

*(ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza Rik Nru 189/07 fl-imskjiet '**Seasus Limited vs Francesco Fenech Ltd**', deciza fis 6 ta' Ottubru 2010

> *"Kif gja kellha okkazjoni tirrileva din l-istess Qorti, xoghol ta' software jew computer programming hu wiehed intellettwali, u tali jiddifferenzja ruhu minn semplici bejgh ta' oggetti. Naturalment, kif issokta jigi pprecizat, minn jippresta attivita intellettwali bhal din hu mistenni li jiggrarantixxi wkoll il-bonta ta' l- opus tieghu. "Dan ighodd ugwalment ghal min jaghmel opra intellettwali bhal ma hu software, in kwantu l-funzjonament tajjeb tieghu jikkostitwixxi certament element indispensabbli u intrinsiku". Ara "***Martin Degabriele nomine -vs- Frank Psaila***", Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007 u f'sens konformi, "***Selective Quality Letting Ltd -vs- Mall Systems Ltd***", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 28 ta' Jannar, 2008; "*

Jirrizulta, ghalhekk, illi fil-kaz odjern, ix-xoghol illi ghalih qieghed titlob il-hlas is-socjeta rikorrenti huwa xoghol intellettwali, ossija installazjoni ta' software, illi sar lis-socjeta intimata, u ghalhekk huwa soggett ghal-limitazzjoni stabbiliti fl-artikolu 2149 (c) fuq imsemmi.

Jirrizulta illi x-xoghol sar f'Mejju 2011 u l-invoices ghas-servizi resi hargu fit 8 ta' Lulju 2011 u fid 19 ta' Awissu 2011.

Jirrizulta illi minn dakinhar ma saret ebda interpellazzjoni gudizzjarja sabiex tinterrompi t-trapass tal-periodu preskrittiv da parte as-socjeta rikorrenti u lanqas ma saret xi ammissjoni tad-debitu da' parte tas-socjeta intimata.

Ghalhekk, jidher illi l-azzjoni odjerna hija preskritta abbazi tal-Artuikolu 2149 (c) tal-Kap 16 u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata timmerita illi tigi akkolta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semghet ix-xhieda u l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata dwar preskrizzjoni,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata,

**Tiddikjara** l-azzjoni odjerna preskritta abbazi tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16, u ghalhekk.

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur